6. Is-sitt motiv: ksur tad-dritt għal kundizzjonijiet ta' għajxien normali.

7. Is-seba' motiv: ksur serju tad-dritt għal reputazzjoni tajba.

(1) ĠU 2022, L 148, p. 52.
(2) ĠU 2022, L 148, p. 8.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2022 – Mocom Compounds vs EUIPO – Centemia Conseils (Near-to-Prime)**

**(Kawża T-472/22)**

(2022/C 359/113)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mocom Compounds GmbH & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Bornholdt, avukata)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Centemia Conseils (Angevillers, Franza)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Near-to-Prime" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 448 524

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' Mejju 2022 fil-Każ R 2178/2021-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tbiddel d-deċiżjoni kkontestata fis-sens li d-Deċiżjoni Nru 47 561 C tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tat-12 ta' Novembru 2021 tiġi annullata u li t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark tal-Unjoni Nru 16 448 524 tiġi miċħuda;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2022 – Gürok Turizm ve Madencilik vs EUIPO – Darvas and Pap (LAAVA)**

**(Kawża T-473/22)**

(2022/C 359/114)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gürok Turizm ve Madencilik Anonim Sirketi (Kütahya, it-Turkija) (rappreżentanti: M. López Camba u A. Lyubomirova Geleva, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Partijiet oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Gábor Darvas (Budapest, l-Ungerija), Dorina Pap (Kiskunhalas, l-Ungerija)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikanti għat-trade mark kontenzjuża:* il-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea LAAVA – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 209 861

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Mejju 2022 fil-Każ R 1745/2021-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din iżżomm iċ-ċaħda tal-oppożizzjoni u tordna lill-opponenti/appellanti tbati l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni u ta' appell;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti minn Gürok Turizm ve Madencilik Anonim Sirketi;

— tikkundanna lil Gábor Darvas u lil Dorina Pap għall-ispejjeż sostnuti minn Gürok Turizm ve Madencilik Anonim Sirketi.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fit-3 ta' Awwissu 2022 – Panicongelados-Massas Congeladas vs EUIPO – Seder (panidor)

**(Kawża T-480/22)**

(2022/C 359/115)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Panicongelados-Massas Congeladas, SA (Leiria, il-Portugall) (rappreżentant: I. Monteiro Alves, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Seder Establishment Ltd. (L-Imrieħel, Birkirkara, Malta)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "panidor" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 214 675

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Mejju 2022 fil-Każ R 1946/2021-2